MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 181/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Charlie (Carmel) Taliana**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Charlie (Carmel) Taliana detentur tal-karta tal-identita` numru 286269(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Novembru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzonijiet jew certifikati foloz a tenur tal-Artikoli 42 u 185 tal-Kodici Kriminali:
Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaci taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif

teddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-Titolu IV tal-Titolu III tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex igieghel lil dik l-istess persuna tesercita dik l-influwenza;

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2008 u x-xhur ta' wara xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali a tenur tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Novembru 2008, jew fil-jiem ta' qabel, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub minn xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

U b'hekk, sar recediv a termini tal-Aritkoli 49 u 50 tal-Kap. 90 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenza saru definittivi u ma jistghux jigu midula

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 185, 121A, 186, 188, 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-ewwel erba' akkuzi kif dedotti kontrih kif ukoll ghas-sitt akkuza rigward ir-recediva, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Charlie (Carmel) Taliana hati tal-ewwel erba' u tas-sitt akkuza kif dedotti kontrih, li a

rigward l-ewwel tlett akkuzi u s-sitt akkuza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum, issibu hati wkoll tar-raba' akkuza kif dedotta kontrih u tikkundannah multa ta' mitejn Ewro (€200), filwaqt li tilliberah mill-hames akkuza stante kif xehdet Beatrice Fenech ghat-Transport Malta kemet prassi tal-istess Awtorita` li ghal dawn il-kazijiet huma qatt ma jaghtu guramenti.

Finlament spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------